**A.L. 330 ta' l-2006**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA**
**(KAP. 464)**

**Regolamenti ta' l-2006 dwar il-ġbir ta' drittijiet mill-Kunsill Mediku**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 (1) (b) ta' l-Att dwar il-professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Kommunità, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 dwar il-ġbir ta' drittijiet mill-Kunsill Mediku.

Drittijiet li għandhom jitħallsu.

**2.** Għandhom jitħallsu lill-Kunsill Mediku dawn id-drittijiet li ġejjin:–

| | |
|---|---|
| (a) għal kull reġistrazzjoni ġdida fir-Reġistri Mediċi: f'dak Mediku, Dentisti, Speċjalisti u *Provisional* ........................................... | Lm 20 |
| (b) bħala *retention fee* kull sena fir-Reġistru Mediku jew Reġistru għad-Dentisti .................... | Lm 15 |
| (ċ) bħala *retention fee* kull sena f'kull wieħed mir-Reġistri ta' Speċjalisti ............................ | Lm 20 |
| (d) għal kull ċertifikat mitlub minn tabib jew dentist .................................................... | Lm 5 |
| (e) għal eżami sħiħ jew parti minnu kif ikun hekk ordnat ........................................... | Lm500 |